PRATTIKI TAJBIN GĦAL TAGĦMIR PROTETTIV RESPIRATORJU GĦALL-INDUSTRIJA TAĊ-ĊANGATURI

Din l-iskeda ta' gwida għall-kompiti tipprovdi eżempji tajbin tal-użu ta' tagħmir protettiv respiratorju (RPE) f'approċċ li jikkunsidra kull każ individwalment fil-partijiet kollha tal-impjanti ta' fabbrikazzjoni tipiċi taċ-ċangaturi, is-siti tal-installazzjoni u ż-żoni tax-xogħol relatati sabiex tiżdied il-protezzjoni tal-ħaddiema mis-silika kristallina respirabbli.

AĊĊESS

Irrestrinġi l-aċċess għaż-żona tax-xogħol għal persunal awtorizzat biss.

ĠENERALI

- Għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskji sabiex jiġi determinat jekk il-kontrolli eżistenti humiex adegwati. Jekk meħtieġ, għandu jiġi pprovdut tagħmir protettiv respiratorju (bil-fattur ta' protezzjoni xieraq) u dan għandu jintlibes.
- Agħżel it-tagħmir protettiv respiratorju xieraq skont il-livell ta' silika kristallina respirabbli, f'konsultazzjoni ma' professjonist tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u l-kunsiderazzjonijiet fit-taqsimiet "Meta tużah" t'hawn taħt.
- Fejn huwa meħtieġ li jintlibes aktar minn oġġett wieħed ta' PPE, trid tiżgura li dawn l-oġġetti huma kompatibbli ma' xulxin.
- Uża t-tagħmir protettiv respiratorju skont l-istruzzjonijiet tal-fornitur.
- Żomm rekords tal-użu, tat-taħriġ u tal-manutenzjoni.
- Uża respiratur li jiffittja sew (fuq nofs il-wiċċ jew maskra litintrema) li joħloq siġill issikkat.
- Wettaq valutazzjoni tas-saħħa medika/okkupazzjonali biex tiżgura li l-fabbrikanti jkunu kapaċi jaħdmu b'tagħmir protettiv respiratorju.

L-użu ta' tagħmir protettiv respiratorju ma jeżentax l-impjegatur mill-kontroll tal-livell ta' silika kristallina respirabbli jew milli jnizżlu taħt il-Limitu ta' Esponiment Okkupazzjonali meħtieġ.

AST NST

META TUŻA RESPIRATUR LI JGĦATTI NOFS IL-WIĊĊ

- Meta l-fabbrikazzjoni ssir b'għodod manwali mxarrbin fl-impjant tal-fabbrikazzjoni.
- Meta tkun wieqaf viċin ta' postijiet fejn tinħoloq is-silika kristallina respirabbli.
- Fis-sit tal-installazzjoni meta jkunu qed jitwettqu modifiki li jipproduċu t-trab.

META TUŻA RESPIRATURI LI JIPPURIFIKAW L-ARJA BIL-MUTUR (PAPR)

- Jekk il-fabbrikant għandu xagħar tal-wiċċ
- Jekk il-protezzjoni miksuba bi kwalunkwe tagħmir protettiv respiratorju ieħor mhix biżżejjed
- Jekk il-livelli ta' esponiment jitqiesu għoljin ħafna

F'dawn il-każijiet uża TH3 tat-tip PAPR mgħammar b'filtru P3. Dejjem ikkonsulta l-fornitur tat-tagħmir protettiv personali tiegħek sabiex tiżgura li l-fattur ta' protezzjoni huma xieraq.

META TUŻA MASKRA LI TINTREMA

- Fil-każ biss ta' esponiment għal ħin qasir jew okkażjonali għas-silika kristallina respirabbli (ħaddiema u viżitaturi), eż.:
    - meta taħsel l-art u l-makkinarju b'ilma ġieri
    - viċin ta' magni CNC li huma konnessi bl-ilma ma' sistema ta' ventilazzjoni tal-egżost
- Maskri mmarkati bl-ittri NR (li jintużaw darba) huma maħsuba għal użu waqt xift wieħed. Maskri mmarkati bl-ittra R (li jerġgħu jintużaw) huma maħsuba għall-użu f'aktar minn xift wieħed, skont l-istruzzjonijiet tal-fornitur.
- Ara li l-maskra li tintrema tiegħek fiha dokumentazzjoni li turi li tikkonforma mal-istandard EN 149:2001.

EŻAMINAZZJONI U TTESTJAR

- Għal kull attività tax-xogħol, agħmel valutazzjoni biex tiddetermina kemm ta' spiss għandu jinbidel it-tagħmir protettiv respiratorju sabiex tiġi ggarantita l-effettività tiegħu, skont il-parir tal-fornitur.
- Ikkontrolla viżwalment it-tagħmir protettiv respiratorju kuljum għal sinjali ta' ħsara. Jekk dan ma jintużax ta' spiss, ikkontrollah qabel kull użu.
- Fittex parir mill-fornitur dwar metodi ta' ttestjar tal-iffittjar xierqa.
- Wettaq test tal-iffittjar qabel l-ewwel użu biex tiżgura li dan joħloq siġill tajjeb u jipprovdi l-protezzjoni meħtieġa. Dan jista' jiġi vverifikat bl-użu ta' metodi tal-ittestjar sempliċi, eż. sprej ħafif ta' soluzzjoni taz-zokkor jista' jinxtered fl-arja biex jiġi kkontrollat jekk l-operatur itogħmiex. Jekk iva din hija prova li hemm tnixxija.
- Ikkontrolla l-effettività kull darba qabel tilbsu.
- Żomm ir-rekords tal-ispezzjonijiet għal perjodu ta' żmien xieraq li jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali (mill-inqas ħames snin).

TINDIF U HOUSEKEEPING

- Żomm oġġetti li ma jintremewx tat-tagħmir protettiv respiratorju nodfa.
- L-impjegaturi għandhom jipprovdu faċilitajiet tal-ħżin nodfa għat-tagħmir protettiv respiratorju meta ma jintużax.
- Uża metodu ta' tindif fl-imxarrab.
- **It-tagħmir protettiv respiratorju m' GĦANDUX jittieħed id-dar.**
- **TNADDAFX bi xkupilja xotta jew bl-użu ta' arja kkompressata.**

MANUTENZJONI

- Ara li t-tagħmir użat fil-kompitu jinżamm f'kundizzjoni operattiva effiċjenti u tajba skont il-parir tal-fornitur.
- Biddel it-tagħmir protettiv respiratorju fl-intervalli rakkomandati mill-fornitur.

TAĦRIĠ

- Ipprovdi lill-impjegati tiegħek b'informazzjoni dwar l-effetti fuq is-saħħa assoċjati mat-trab tas-silika kristallina respirabbli.
- Ipprovdi lill-impjegati b'taħriġ dwar: il-prevenzjoni ta' esponiment għat-trab; l-ivverifikar li l-kontrolli qed jaħdmu u l-użu tagħhom; meta u kif għandu jużа kwalunkwe tagħmir protettiv respiratorju u x'għandhom jagħmlu jekk xi ħaġa tmur ħażin. Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.3.4** u parti 1 tal-Gwida għal Prattika Tajba.

SUPERVIŻJONI

- Stabbilixxi sistema biex tivverifika jekk hemmx miżuri ta' kontroll fis-seħħ u li dawn qed jiġu segwiti. Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.3.3**.
- L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-impjegati jkollhom il-mezzi kollha biex iwettqu l-lista ta' kontroll mogħtija fuq il-paġna li jmiss.

TAGĦMIR PROTETTIV PERSONALI

- Irreferi għall-iskeda ta' gwida għall-kompiti **2.1.15** iddedikata għal tagħmir protettiv personali.
- Għandu jintagħżel tagħmir protettiv respiratorju li huwa kompatibbli ma' oġġetti oħra tat-tagħmir protettiv personali, eż. protetturi tal-widnejn, goggles, viżieri tal-iwweldjar.

LISTA TA' KONTROLL TAL-IMPJEGAT

- ☐ Fittex għal sinjali ta' ħsara, tkagħbir jew operat ħażin ta' kwalunkwe tagħmir li jintuża.
  Jekk issib xi problemi, għid lis-superviżur tiegħek.
- ☐ Ara li tuża t-tagħmir protettiv respiratorju t-tajjeb għal kull kompitu.
- ☐ Anke jekk inti normalment ma tilbisx tagħmir protettiv respiratorju, jista' jkun meħtieġ li inti tilbsu temporanjament fil-każ li miżuri ta' kontroll oħrajn ma jaħdmux.
- ☐ Uża, mantni u aħżen kwalunkwe tagħmir protettiv personali pprovdut skont l-istruzzjonijiet.
- ☐ Aġġusta t-tagħmir protettiv respiratorju tiegħek biex dan jiffittja sew.
- ☐ Jekk għandek xagħar tal-wiċċ, dan jista' jnaqqas l-effettività ta' maskra tat-trab. F'dan il-każ għandek tuża PAPR.
- ☐ Fejn huwa meħtieġ li inti tilbes aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, trid tiżgura li l-oġġetti kollha huma kompatibbli ma' xulxin.

Din l-iskeda ta' gwida hija mmirata lejn l-impjegaturi biex tgħinhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, permezz tal-kontroll tal-esponiment għas-silika kristallina respirabbli. B'mod speċifiku, din l-iskeda ta' gwida għall-kompiti tipprovdi eżempji tajbin ta' kif settur speċifiku wieħed jagħżel it-tip ta' maskra xierqa għall-kompitu.

L-insegwiment tal-punti ewlenin ta' din l-iskeda ta' gwida għall-kompiti se jgħin inaqqas l-esponiment.

Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, l-eżempji mogħtija hawn jistgħu ma jkunux rilevanti għas-setturi l-oħra. Fittex parir ta' professjonist tas-saħħa okkupazzjonali biex tadatta għal settur ieħor.

Dan id-dokument għandu jkun disponibbli wkoll għall-persuni li jistgħu jkunu esposti għas-silika kristallina respirabbli fuq il-post tax-xogħol sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-miżuri ta' kontroll li huma implimentati.

Din l-iskeda tifforma parti mill-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-prevenzjoni tat-trab tas-silika, li hija mmirata speċifikament lejn il-kontroll tal-esponiment personali għas-silika kristallina respirabbli fuq il-post tax-xogħol.